# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/994

## tat-23 ta' Ġunju 2015

## li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 300(3) u l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/930/UE tas-16 ta' Diċembru 2014 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta li saret mill-Istat Membru,

Billi:

(1) L-Artikolu 300(3) tat-Trattat jeħtieġ li membri jew membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni, minbarra li jkunu rappreżentanti ta' korpi reġjonali jew lokali, jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) L-Artikolu 305 tat-Trattat jipprevedi li l-membri tal-Kumitat tar-Reġjuni u numru ugwali ta' membri supplenti jinħatru mill-Kunsill għal ħames snin skont il-proposti magħmula minn kull Stat Membru.

(3) Ladarba l-mandat tal-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni skada fil-25 ta' Jannar 2015, kien jeħtieġ li jinħatru membri u membri supplenti ġodda.

(4) Fis-26 ta' Jannar 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2015/116 ([2]) li taħtar il-membri u l-membri supplenti proposti mill-Gvernijiet tal-Belġju, tal-Bulgarija, tar-Repubblika Ċeka, tad-Danimarka, tal-Estonja, tal-Irlanda, tal-Greċja, ta' Spanja, ta' Franza, tal-Kroazja, tal-Italja, ta' Ċipru, tal-Latvja, tal-Litwanja, tal-Lussemburgu, tal-Ungerija, ta' Malta, tan-Netherlands, tal-Awstrija, tal-Portugall, tar-Rumanija, tas-Slovenja, tas-Slovakkja, tal-Finlandja, u tal-Isvezja, 23 membru u 23 membru supplenti proposti mill-Gvern Ġermaniż u 18-il membru u 16-il membru supplenti proposti mill-Gvern Pollakk għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020. Il-membri u l-membri supplenti li n-nomini tagħhom ma ġewx ikkomunikati lill-Kunsill sat-22 ta' Jannar 2015 ma setgħux jiġu inklużi fid-Deċiżjoni (UE) 2015/116.

(5) Fil-5 ta' Frar 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2015/190 ([3]) li taħtar il-membru u l-membru supplenti li fadal proposti mill-Gvern Ġermaniż u l-membri u l-membri supplenti proposti mill-Gvern tar-Renju Unit.

(6) Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 u (UE) 2015/190, baqgħu vojta l-postijiet ta' tliet membri Pollakki u ħames membri supplenti Pollakki.

(7) Fid-29 ta' Mejju 2015, ġiet ippreżentata lill-Kunsill lista li fiha tliet membri u ħames membri supplenti proposti mill-gvern Pollakk. Din il-lista tinkludi is-sitt membru supplenti, billi s-Sur Marek Karol OLSZEWSKI, li qabel kien membru supplenti, għandu jinħatar bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni. Dawk il-membri u l-membri supplenti għandhom jinħatru għall-istess perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 bħala l-membri u l-membri s-supplenti maħturin bid-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 u d-Deċiżjoni (UE) 2015/190. Din id-Deċiżjoni għandha għalhekk tapplika retroattivament mis-26 ta' Jannar 2015,

([1]) ĠU L 365, 19.12.2014, p. 143.
([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/116 tas-26 ta' Jannar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42).
([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/190 tal-5 ta' Frar 2015 li taħtar il-membru u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura membri tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020:

— bħala membri, il-persuni elenkati minn kull Stat Membru fl-Anness I;

— bħala membri supplenti, il-persuni elenkati minn kull Stat Membru fl-Anness II.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mis-26 ta' Jannar 2015.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-23 ta' Ġunju 2015.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. RINKĒVIČS

---

*ANNESS I*

**ПРИЛОЖЕНИЕ I — ANEXO I — PŘÍLOHA I — BILAG I — ANHANG I — I LISA — ΠΑΡΑΡΤΗΜΑ I — ANNEX I — ANNEXE I — PRILOG I — ALLEGATO I — I PIELIKUMS — I PRIEDAS — I. MELLÉKLET — ANNESS I — BIJLAGE I — ZAŁĄCZNIK I — ANEXO I — ANEXA I — PRÍLOHA I — PRILOGA I — LIITE I — BILAGA I**

**Членове/Miembros/Členové/Medlemmer/Mitglieder/Liikmed/Μέλη/Members/Membres/Članovi/Membri/Locekļi/Nariai/Tagok/Membri/Leden/Członkowie/Membros/Membri/Členovia/Člani/Jäsenet/Ledamöter**

**POLSKA**

Paweł GRZYBOWSKI

*burmistrz miasta Rypin*

Marek Karol OLSZEWSKI

*wójt gminy Lubicz*

Sławomir SOSNOWSKI

*radny województwa lubelskiego*

---

*ANNESS II*

**ПРИЛОЖЕНИЕ II — ANEXO II — PŘÍLOHA II — BILAG II — ANHANG II — II LISA — ΠΑΡΑΡΤΗΜΑ II — ANNEX II — ANNEXE II — PRILOG II — ALLEGATO II — II PIELIKUMS — II PRIEDAS — II. MELLÉKLET — ANNESS II — BIJLAGE II — ZAŁĄCZNIK II — ANEXO II — ANEXA II — PRÍLOHA II — PRILOGA II — LIITE II — BILAGA II**

**Заместник-членове/Suplentes/Náhradníci/Suppleanter/Stellvertreter/Asendusliikmed/Αναπληρωτές/Alternate members/Suppléants/Zamjenici članova/Supplenti/Aizstājēji/Pakaitiniai nariai/Póttagok/Membri Supplenti/Plaatsvervangers/Zastępcy członków/Suplentes/Supleanți/Náhradníci/Nadomestni člani/Varajäsenet/Suppleanter**

**POLSKA**

Rafał Piotr BRUSKI

*prezydent miasta Bydgoszczy*

Marian Adam BURAS

*wójt gminy Morawica*

Marcin OCIEPA

*radny miasta Opola*

Krzysztof PASZYK

*radny województwa wielkopolskiego*

Cezary PRZYBYLSKI

*radny województwa dolnośląskiego*

Grzegorz WOLNIK

*radny województwa śląskiego*